# Dokument tal-EDPB dwar il-proċedura għall-iżvilupp ta' "Sessjonijiet dwar il-Kodiċijiet ta' Kondotta" informali

## Adottat fl-10 ta' Novembru 2020

# Werrej

1 Introduzzjoni ..... 3
2 Proċedura għas-sessjonijiet dwar il-kodiċijiet ta' kondotta ..... 4
2.1 L-għan tas-sessjonijiet dwar il-Kodiċijiet ..... 4
2.2 In-natura tas-sessjonijiet dwar il-Kodiċijiet ..... 4
2.3 Format tas-sessjoni dwar il-Kodiċijiet ..... 5
2.3.1 Aspetti formali ..... 5
2.3.2 Ftehimiet u kunsens waqt is-sessjonijiet dwar il-Kodiċijiet ..... 5
2.3.3 Perjodiċità tas-sessjonijiet dwar il-Kodiċijiet ..... 6
2.3.4 Ir-Rwol tas-Segretarjat tal-EDPB ..... 6
2.4 X'jiġri wara s-sessjonijiet dwar il-Kodiċijiet ..... 6
2.5 Sottomissjoni lill-Bord ..... 6
Anness: Dijagramma sekwenzjali - Taqsima 8 - Linji Gwida 01/2019 ..... 8

## Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Wara li kkunsidra l-Artikolu 40, l-Artikolu 70(1)(n) u l-Artikolu 70(1)(u) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (minn hawn 'il quddiem "GDPR"),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 3 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

**ADOTTA D-DOKUMENT LI ĠEJ**

# 1 INTRODUZZJONI

1. Il-Linji Gwida 1/2019 dwar il-Kodiċijiet ta' Kondotta u l-Korpi ta' Monitoraġġ ("il-Linji Gwida") fihom, fit-taqsima 8, il-proċedura li għandha tiġi segwita għas-sottomissjoni ta' kodiċijiet transnazzjonali.[1]

2. F'dan ir-rigward, it-taqsima 8.5 tal-Linji Gwida ("preparazzjoni għas-sottomissjoni lill-Bord") u, b'mod speċifiku, il-paragrafu 54, li tiddikjara li "*[qabel is-sottomissjoni lill-Bord] kwalunkwe kwistjoni sinifikanti tista' tinġieb lis- sottogrupp tal-EDPB rilevanti għad-diskussjoni*", hija importanti għal din il-proposta għal proċedura informali rigward l-iżvilupp ta' sessjonijiet informali dwar il-Kodiċijiet ta' Kondotta.

3. Il-Linji Gwida jipprevedu l-possibbiltà li jiġu diskussi kwistjonijiet sinifikanti fis-sottogrupp ta' esperti rilevanti (expert subgroup — ESG) qabel ma l-kwistjoni tiġi sottomessa lill-Bord, jekk ikun fadal kwistjonijiet wara l-kummenti riċevuti mill-awtoritajiet superviżorji l-oħra kollha ("AS"). Madankollu, minn perspettiva proċedurali, diskussjoni f'ESG dwar dokument li ma jkunx ġie ppreżentat formalment lill-EDPB ma tidhirx xierqa. Il-fażi ta' kooperazzjoni informali sseħħ qabel il-proċedura formali fl-EDPB. Din tal-aħħar tinkludi diskussjonijiet fl-ESG rilevanti.

4. L-għan tal-proċedura informali proposta hawn taħt huwa li jiġu żviluppati l-aspetti proċedurali tat-taqsima 8.5 tal-Linji Gwida 1/2019 u li jiġi ddeterminat l-aħjar forum biex isiru d-diskussjonijiet dwar Kodiċijiet ta' Kondotta li jkunu għadhom ma ġewx sottomessi lill-EDPB. F'konformità mal-Artikolu 70(1)(u) tal-GDPR, il-Bord għandu jippromwovi l-kooperazzjoni u l-iskambju bilaterali u multilaterali effettiv tal-informazzjoni u tal-aħjar prattiki bejn l-awtoritajiet superviżorji. Għal dan il-għan, din il-proċedura għandha l-għan li tiffaċilita tali kooperazzjoni bejn l-AS qabel ma tinbeda l-proċedura formali skont l-Artikolu 64 tal-GDPR.

5. Għalhekk, is-"sessjonijiet dwar il-Kodiċijiet" żviluppati f'dan id-dokument se jseħħu barra mill-mandat formali tal-EDPB.

[1] Ara l-Linji Gwida 1/2019 fuq: https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb_guidelines_201901_v2.0_codesofconduct_mt.pdf

# 2 PROĊEDURA GĦAS-SESSJONIJIET DWAR IL-KODIĊIJIET TA' KONDOTTA

## 2.1 L-għan tas-sessjonijiet dwar il-Kodiċijiet

6. Kif iddikjarat fl-Artikolu 40 tal-GDPR, it-tfassil ta' Kodiċijiet ta' Kondotta għandu jiġi mħeġġeġ mill-AS u mill-Bord. Iż-żmien meħtieġ biex jiġi żviluppat Kodiċi ta' Kondotta li jkun sodisfaċenti għall-AS involuti u għall-Bord, jista' jkun deterrent għal xi sidien tal-kodiċijiet. Fl-istess ħin, għandha tiġi osservata l-konsistenza fit-tfassil u l-approvazzjoni tal-Kodiċijiet ta' Kondotta. Għal dan il-għan, huma meħtieġa diskussjonijiet fost l-AS dwar il-kwistjonijiet pendenti.

7. Għalhekk, l-objettivi tas-sessjonijiet għandhom ikunu ċari. Id-determinazzjoni tal-għan tas-sessjonijiet hija importanti mhux biss biex id-diskussjonijiet jitfasslu b'mod dedikat iżda wkoll fir-rigward tal-komunikazzjoni mas-sidien tal-kodiċijiet.

8. L-għan ġenerali huwa li d-diskussjoni mal-applikant issir b'vuċi waħda. Għal dan il-għan, is-"sessjonijiet dwar il-Kodiċijiet" għandhom jindirizzaw il-kwistjonijiet pendenti li ma ġewx solvuti matul il-fażi preċedenti tal-kooperazzjoni informali, sabiex **jintlaħaq kunsens** dwar x'għandu jintalab mill-applikanti. Fil-qosor, l-għan tas-sessjonijiet huwa **li jkun hemm diskussjoni u jintlaħaq kunsens dwar l-istandards u l-aspettattivi għall-Kodiċi ta' Kondotta.**

9. Minħabba dan u minħabba l-impatt li d-diskussjonijiet u l-ftehimiet milħuqa jista' jkollhom fuq Kodiċijiet ta' Kondotta futuri, l-AS kollha huma mistennija jieħdu sehem fis-sessjonijiet dwar il-Kodiċijiet. Għal aktar dettalji dwar il-ftehimiet milħuqa fis-sessjonijiet dwar il-Kodiċijiet, ara t-taqsima 2.3.2 hawn taħt.

## 2.2 In-natura tas-sessjonijiet dwar il-Kodiċijiet

10. Is-sessjonijiet dwar il-Kodiċijiet huma parti mill-fażi ta' kooperazzjoni informali u huma maħsuba li jindirizzaw, qabel ma tibda l-fażi formali, kwalunkwe kwistjoni pendenti li tista' tinqala' wara li l-AS u s-Segretarjat tal-EDPB ikunu bagħtu l-kummenti tagħhom.

11. Is-sessjonijiet dwar il-Kodiċijiet mhumiex obbligatorji. L-Awtorità Superviżorja Kompetenti (Competent Supervisory Authority — "CompSA") tista' tiddeċiedi li tibda l-proċedura formali biex tikseb Opinjoni tal-EDPB mingħajr ma tkun ressqet il-Kodiċi għad-diskussjoni f'sessjoni dwar il-Kodiċijiet. Madankollu, l-aħjar prattika hija li l-Kodiċi jitressaq għad-diskussjoni f'sessjoni dwar il-Kodiċijiet, peress li dan jiffaċilita l-adozzjoni bla xkiel tal-Opinjoni mill-EDPB.

12. F'dan l-ispirtu, minflok ma taqsam il-Kodiċi mal-AS ikkonċernati biss, kif imsemmi fil-paragrafu 54 tal-Linji Gwida, il-CompSA għandha taqsam l-abbozz tal-kodiċi mal-AS kollha, li għandu jkollhom mill-inqas 30 jum biex jibagħtu l-kummenti u l-feedback tagħhom lill-CompSA (ara d-dijagramma sekwenzjali t'hawn taħt)

13. Fi kwalunkwe każ, meta l-CompSA jkollha l-ħsieb li tissottometti l-abbozz tad-deċiżjoni għal Opinjoni tal-Bord, il-CompSA għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet indikati fit-Taqsima 5 ta' din il-proċedura.

### 2.3 Format tas-sessjoni dwar il-Kodiċijiet

#### 2.3.1 Aspetti formali

14. Is-sessjonijiet iseħħu barra mill-mandat tal-EDPB. Għalhekk, **mhumiex laqgħa** formali **tal-ESG.**

15. Dan jinvolvi dan li ġej:

1) Is-sessjonijiet ma għandhomx koordinatur formali, għall-kuntrarju tal-ESGs.

   a. Il-CompSA hija responsabbli li tikkoordina mal-koordinaturi tas-CEH fi żmien xieraq u tipprovdilhom l-informazzjoni meħtieġa, inkluż iż-żmien adegwat għad-diskussjoni.

   b. Il-koordinatur tas-CEH jassisti lill-membri fil-ħolqien tal-Aġenda għas-"sessjoni dwar il-Kodiċijiet", abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-AS. L-Aġenda tas-sessjoni jkun fiha l-lista tal-Kodiċijiet li se jiġu diskussi.

   c. Il-koordinatur tas-CEH ma jippresjedix il-laqgħa. Il-CompSA għal kull Kodiċi tippresjedi l-laqgħa għad-diskussjoni dwar dak il-Kodiċi.

      i. Il-CompSA għandha tqassam, mill-inqas ġimgħa qabel is-sessjoni dwar il-Kodiċijiet: 1) verżjoni aġġornata tal-kodiċi (jekk applikabbli) li tindirizza xi wħud mill-kummenti riċevuti u 2) il-lista ta' kummenti li jkunu għadhom ma ntbagħtux lis-sid tal-kodiċi, minħabba li l-CompSA tqis li tkun meħtieġa diskussjoni.

      ii. Il-CompSA tista' tindika l-mistoqsijiet u l-kwistjonijiet li huma ta' rilevanza akbar għall-CompSA u li se jiġu indirizzati l-ewwel waqt is-sessjoni. Il-parteċipanti jistgħu jqajmu kwalunkwe punt addizzjonali għad-diskussjoni, ladarba jiġu indirizzati s-suġġetti identifikati mill-CompSA.

2) Ma hemm l-ebda obbligu li jittieħdu minuti tas-sessjonijiet, għall-kuntrarju tal-ESGs. Madankollu, jiġi elaborat sommarju tal-ftehimiet priniċpali mill-CompSA u s-Segretarjat tal-EDPB (ara t-taqsima 2.3.2).

   a. Kull CompSA għandha tkun responsabbli biex iżżomm rekord tal-kummenti u d-diskussjonijiet rigward il-Kodiċi ppreżentat mill-CompSA.

3) Il-parteċipanti għandhom ikunu membri tal-persunal tal-AS. Is-Segretarjat tal-EDPB ukoll jieħu sehem fil-laqgħat (ara t-taqsima 2.3.4). Il-CompSA tista' tistieden ukoll lill-Kummissjoni Ewropea biex tipparteċipa fil-laqgħat fejn se jiġi diskuss il-Kodiċi ppreżentat minn dik il-CompSA, b'kunsiderazzjoni tar-rwol tagħha skont l-Artikoli 40(8), 40(9) u 40(10) tal-GDPR fir-rigward tal-kodiċijiet transnazzjonali.

#### 2.3.2 Ftehimiet u kunsens waqt is-sessjonijiet dwar il-Kodiċijiet

16. Il-CompSA u s-Segretarjat tal-EDPB se jaħdmu flimkien biex iħejju sommarju tal-ftehimiet ewlenin milħuqa waqt is-sessjoni dwar il-Kodiċijiet. Is-sommarju jintbagħat lis-CEH ESG.

17. Il-membri tas-CEH ESG jistgħu jiddiskutu l-ftehimiet milħuqa. Meta ftehim ikun jinvolvi elementi li jista' jkollhom impatt sostanzjali fuq il-valutazzjoni ta' Kodiċijiet ta' Kondotta futuri, is-CEH ESG jista' jiddeċiedi, wara diskussjoni fil-livell tal-ESG, li jressaq il-kwistjoni quddiem il-Plenarja, għal gwida jew approvazzjoni mill-Plenarja. Barra minn hekk, mid-diskussjonijiet matul is-sessjonijiet dwar il-Kodiċijiet,

jista’ jkun meħtieġ li jintlaħqu ftehimiet rigward elementi sostanzjali tal-Kodiċijiet ta’ Kondotta. F’dawk il-każijiet, il-kwistjonijiet speċifiċi jistgħu jitressqu għad-diskussjoni fis-CEH ESG u, fl-aħħar mill-aħħar u jekk ikun meħtieġ, quddiem il-Plenarja għal deċiżjoni.

#### 2.3.3 Perjodiċità tas-sessjonijiet dwar il-Kodiċijiet

18. Il-perjodiċità tas-sessjonijiet tiddependi fuq il-Kodiċijiet li jkunu lesti għad-diskussjoni f’mument speċifiku.

19. Il-CompSA għandha tikkoordina mas-Segretarjat tal-EDPB (u, meta jkun meħtieġ, mal-AS koeżaminturi) u ssib ħin xieraq għas-sessjoni. In-notifika tal-ħin u l-post tas-sessjoni għandha tintbagħat lill-AS kollha malajr kemm jista’ jkun u mill-inqas 20 jum qabel is-sessjoni, jekk din issir mill-bogħod. Għal-laqgħat wiċċ imb wiċċ, iż-żmien minimu biex jiġu infurmati l-AS għandu jkun ta’ 40 jum u dawn għandhom jiġu organizzati eżatt wara l-laqgħat tas-CEH ESG.

20. Il-ħolqien ta’ “Mappa ta’ Segwitu”, fejn l-AS iżidu l-informazzjoni rilevanti rigward il-Kodiċijiet li jmiss, jista’ jiffaċilita l-organizzazzjoni tas-sessjonijiet. Barra minn hekk, tista’ tinħoloq lista ta’ indirizzi speċifika li tinkludi biss l-AS, sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta’ informazzjoni.

21. In-numru ta’ sessjonijiet iddedikati għal kull Kodiċi se jiddependi fuq id-diskussjonijiet u l-ħtieġa possibbli li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet pendenti. Il-CompSA tivvaluta u tiddeċiedi dwar il-ħtieġa li jkun hemm aktar sessjonijiet dwar il-Kodiċijiet għal Kodiċi speċifiku, filwaqt li tqis il-fehmiet tal-AS l-oħra.

#### 2.3.4 Ir-Rwol tas-Segretarjat tal-EDPB

22. Peress li s-sessjonijiet iseħħu barra l-mandat formali tal-EDPB, is-Segretarjat mhuwiex involut *formalment*.

23. Madankollu, għal raġunijiet prattiċi:

    1) Is-Segretarjat tal-EDPB *jiffaċilita* l-iskambju billi jipprovdi l-appoġġ loġistiku (eż. kamra għal-laqgħat, pjattaforma komuni, eċċ.).

    2) Meta l-CompSA tiċċirkola l-abbozz tal-Kodiċi lill-AS kollha għall-kummenti, is-Segretarjat tal-EDPB ukoll ikun jista’ jibgħat kummenti, li jistgħu jiġu adottati minn kwalunkwe AS. L-għan huwa li jitressaq ’il quddiem kwalunkwe kumment possibbli li jista’ jinqala’ fi stadju aktar tard, ladarba l-proċedura formali tkun inbdiet. L-involviment bikri tas-Segretarjat tal-EDPB jiffaċilita l-valutazzjoni u jikkontribwixxi għal fażi formali b’inqas xkiel.

### 2.4 X’jiġri wara s-sessjonijiet dwar il-Kodiċijiet

24. Jekk ikunu meħtieġa bidliet fil-Kodiċi, il-CompSA tibgħat lura lill-applikant u titlob il-bidliet miftiehma.

25. Ladarba jsiru l-bidliet, il-CompSA tista’ tiċċirkola l-verżjoni l-ġdida tal-Kodiċi f’verżjoni fil-modalità finali u bit-track changes mal-AS kollha u mas-Segretarjat tal-EDPB, sabiex tikseb il-feedback tagħhom dwar jekk il-bidliet humiex suffiċjenti. L-iskadenza għal dan tista’ tkun relattivament qasira (eż. ġimagħtejn). Meta l-CompSA tqis li l-kwistjonijiet imqajma matul il-fażi ta’ kooperazzjoni informali jkunu ġew solvuti, tista’ tiddeċiedi li tibda l-proċedura formali.

### 2.5 Sottomissjoni lill-Bord

26. Qabel ma tippreżenta lill-Bord abbozz ta’ deċiżjoni li tapprova Kodiċi ta’ Kondotta, il-CompSA għandha ssib korelaturi biex jiffurmaw parti mit-tim tal-abbozzar, flimkien mas-Segretarjat tal-EDPB. Dawn il-

korelaturi għandhom ikunu, tal-inqas: 1) AS waħda li ħadet sehem fil-fażi ta' kooperazzjoni bħala koeżaminatur u 2) AS newtrali li ma aġixxietx bħala koeżaminatur.

27. Is-sottomissjonijiet ma jiġux kondiviżi formalment qabel ma jiġi ffurmat tim ta' relaturi, li jikkonsisti f'mill-inqas is-Segretarjat tal-EDPB, AS li kienet koeżaminatur u AS newtrali.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)

# ANNESS: DIJAGRAMMA SEKWENZJALI - TAQSIMA 8 - LINJI GWIDA 01/2019

**Pass 1**

Taqsima 8.2, l-§ 50 Linji gwida - Il-CompSA tirrevedi l-verżjoni "V0" tal-Kodiċi u taqsam il-kummenti tagħha mas-sid tal-kodiċi

↓

**Pass 2**

Taqsima 8.3, l-§ 51 Linji Gwida - Jekk il-CompSA tqis li l-kummenti li saru fil-pass 1 ġew ikkunsidrati mis-sid tal-kodiċi, il-CompSA taqsam "V1" tal-Kodiċi mal-koeżaminaturi

↓

**Pass 3**

Taqsima 8.3, l-§ 51 Linji gwida - Koeżaminazzjoni tal-"Kodiċi V1" mill-koeżaminaturi

**30 jum**

Il-CompSA taqsam il-kummenti rilevanti tal-koeżaminaturi mas-sid tal-kodiċi

↓

**Pass 4**

Taqsima 8.5, l-§ 54 Linji Gwida - Jekk il-CompSA tqis li l-kummenti li saru fil-pass 3 ġew ikkunsidrati, il-CompSA taqsam "V2" tal-Kodiċi mal-AS ikkonċernati kollha **u mal-AS l-oħra kollha**.

Rieżami tal-"Kodiċi V2" mill-AS kollha u mis-Segretarjat tal-EDPB

**30 jum**

Il-CompSA taqsam il-kummenti rilevanti mas-sid tal-kodiċi

↓

**Pass 5**

(Il-CompSA tirċievi l-Kodiċi aġġornat mingħand is-sid tal-kodiċi [V3])

Jekk mill-kummenti li jaslu, jew minn V3 tal-Kodiċi, il-CompSA tidentifika kwistjonijiet li jeħtieġ li jiġu diskussi, il-CompSA torganizza sessjoni dwar il-Kodiċijiet.

Pass 6

Il-CompSA torganizza sessjoni dwar il-Kodiċijiet. Informazzjoni 20/40 jum bil-quddiem

Il-CompSA taqsam V3 tal-Kodiċi (jekk applikabbli) u l-kummenti li jeħtieġu aktar diskussjoni, għal diskussjoni fis-sessjoni dwar il-Kodiċijiet

**Mill-inqas ġimgħa waħda qabel is-sessjoni dwar il-Kodiċijiet**



Adottat